ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 38/07 – L-Erbgħa 29 ta' Lulju 2015 fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 20:00PM* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 19:10PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 37/07 ta' nhar **l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2015 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i Is-Sindku Paul Farrugia aġġorna lill-Kunsill bl-aħħar sitwazzjoni mal-Kuntrattur Vella Group wara li għal darb'oħra reġa kien hemm laqgħa bejn il-partijiet. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.ii Is-Sindku kompla jispjega li jidher li ta' kull darba qegħdin joħorġu s-sorpriżi. Issa rriżulta li dejjem skond affermazzjoni tal-Accountant ta' Vella Group ma kienx qed jitnaqqas il-5% Contract Manager Fees għaliex l-Ex Segretarju Eżekuttiv Paul J. Pace meta kien imur għandhom l-uffiċċju biex jippreparaw il-kontijiet kien jgħidlu biex ma jnaqqashomx.

i.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li dawn il-kontijiet suppost kellhom dejjem jintbgħatu fl-uffiiċċju tal-Kunsill.

i.iv l-Kunsillier Frans Agius qal li dan l-aġir ma jinżillux. Is-Sindku qallu li dan kien id-diskors li qal l-Accountant tal-kuntrattur Vella Group. Il-Kunsillier Agius qal li mhux jiddubita minn dak li intqal waqt il-laqgħa.

i.v Is-Sindku qal li għal darb'oħra reġgħet issemmiet li s-Segretarja għandha affarijiet neqsin għaliex huwa kellu direttiva mingħand l-Ex-Sindku Joseph Abela li ċertu korrispondenza ma jibgħathomx lis-Segretarja imma jibgħathom lilu biss. Is-Sindku żied li din id-darba staqsih jekk dan id-diskors kienx lest li jixhdu fil-Qorti jekk instab il-bżonn. Il-Kuntrattur is-Sur Jimmy Vella f'isem Vella Group Ltd iddikjara quddiem kulħadd preżenti li huwa kien lest li jitla' jixhed fil-Qorti u jafferma dan id-diskors.

i.vi Sadanittant kompla s-Sindku, reġgħet issejħet laqgħa oħra fejn preżenti wkoll kien hemm s-Surveyor ta' Vella Group u l-Perit tal-Kunsill, flimkien mal-Avukati u l-Accountants taż-żewġ naħat, hu bħala Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sur Jimmy Vella għall-Vella Group Ltd.

i.vii Is-Sindku spjega li waqt din l-istess laqgħa ħareġ li dak il-bilanċ ta' madwar €34,000 li l-Kunsill Lokali beda jqis bħala credit notes għal xogħol relatat mal-WSC, kien għal xogħol relatat mad-drainage. Dan spjegah waqt l-istess laqgħa is-serveyor ta' Vella Group lill-Perit tal-Kunsill.

i.vii.i Sadanittant il-Perit tal-Kunsill ammetta li għalkemm huwa kien iċċertifika dan ix-xogħol fl-istess waqt l-ispjegazzjoni tas-surveyor kienet valida. Dan ifisser li issa minn credit notes huma parti mill-kont pendenti.

i.viii Kompla s-Sindku, li l-istorja ma waqfitx hemm għaliex qam battibekk bejn il-Perit tal-Kunsill, is-Surveyor ta' Vella Group u s-Sur Jimmy Vella li għal triq partikolari li rriżulta li kienet Triq Annunzjata l-istess Perit ma kienx segwa x-xogħol fiha u kien biss meta kien tlesta x-xogħol li huwa kien infurmat. Il-perit sadanittant ikkontesta l-fatt li huwa qatt ma ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur għaliex fil-verita huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur għax kien ilu jibgħat emails lill-kuntrattur sabiex jibgħatlu evidenza li kien ħaffer u niżel metru tul Triq L-Annunzjata kollha. Huwa sablu email li reġa bgħatilu tal-2012 fejn juri dan.

i.viii.i Is-Sindku spjega li huwa wkoll ikkontesta l-fatt li l-kuntrattur kellu jinżel metru tul Triq

Annunzjata kollha għaliex ix-xogħol hu kien segwih u saħansitra kellu anke ritratti.

i.viii.ii Sadanittant il-kuntrattur stqarr li l-evidenza hu kien bgħatha, u meta s-Sindku staqsih kif kien bgħathom jekk hux bil-posta jew by hand huwa qal li kien bagħthom bil-posta fl-indirizz tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan ma setax ikun għaliex l-uffiċċju ma kien hemm xejn u li kieku kienu ntbgħatu suppost din il-materja kienet tiġi diskussa mill-istess Kunsill waqt laqgħa tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid li għalhekk ma jistax jifhem x'kien l-iskop tal-Ex Sindku Joseph Abela li ma jgħaddix il-karti lis-Segretarju Eżekuttiv sakemm ma kienx hemm xi skop ulterjuri li ħjiel minnu qed jiġu svelati issa b'dawn il-laqgħat mal-kuntrattur Vella Group.

i.ix Is-Sindku spjega li issa din is-sitwazzjoni qed tpoġġi lill-Kunsill f'perspettiva differenti għal-fatt li jekk jirriżultaw l-affarijiet kif spjegati anke l-Audit li għadu kemm sar għall-2014 jista' jkun ħażin. B'dan ikollna ninfurmaw mill-ewwel lid-Direttur Gvern Lokali u l-Awdituri.

i.ix.i Kompla s-Sindku li għalissa bqajna status quo għaliex il-laqgħa ntemmet bil-Perit tal-Kunsill ser jerġa jiċċekkja l-credit notes u jivverifika ma min hu relatat ix-xogħol, filwaqt li l-Kutrattur Vella Group għandu jerġa jibgħat l-evidenza kollha tax-xogħol relatat ma triq l-Annunzjata. Kif ukoll l-istess kuntratur għandu jġib evidenza li r-romblu ma kienx b'xjen.

i.ix.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal in vista tal-fatt li ssemmew li kemm l-Ex Sindku Joseph Abela kif ukoll l-Ex Segretarju Eżekuttiv Paul J. Pace kienu għamlu xi rregolaritajiet, qed jissuġġerixxi li tintbgħatilhom lit-tnejn li huma imqar email sabiex wieħed jisma' anke l-verżjoni tal-fatti tagħhom.

i.ix.iii Is-Sindku wieġeb li f'dan il-każ huwa mhux ser jimxi bl-ingwanti tal-ħarir u dan huwa qalu diġa' kemm il-darba. U lanqas ser ikompli għaddej b'dawn il-laqgħat imma ser jipproċedi biex jittieħdu passi legali. Il-verita trid toħroġ. Is-Sindku temm li ser ikompli jirraporta xi żviluppi jista' jkun hemm f'laqgħat oħra li jmiss.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa l-Primary Health Care mas-Sinj Therese Piscopo fejn attenda wkoll il-Financial Controller. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk huma qatx kienu raw jew kienu nfurmati bil-kontenut tal-kuntratt tax-xogħol fil-Berġa? Ħadd mill-Kunsillieri preżenti ma qal li kien ra dan il-kuntratt jew kien infurmat b'xi dettalji minnu. Saħansitra l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li hu bħala l-Kunsillier responsabbli mis-saħħa anqas qatt ma ġie avviċinat biex jkun preżenti anzi qal li meta kien ġibed l-attenzjoni tal-Ex Sindku Joseph Abela dan kien wieġbu li ma kellux għalfejn jidħol fiha għax kien ser jieħu ħsieb kollox hu. Berġa

ii.i Is-Sindku qali li waqt din l-istess laqgħa huwa staqsa lis-Sna Piscopo sabiex allinqas turih kopja tal-kuntratt biex ikun jaf xi jgħid dan il-ftehim. Din urietu kopja u rriżulta li ta' dan il-kuntratt jeżistu żewġ kopji waħda ffirmata mill-Ex Sindku biss u oħra ffirmata mill-Ex Sindku u endorsed mis-Segretarju Eżekuttiv ukoll.

ii.ii Apparti dan kompla s-Sindku meta hu flimkien mas-Segretarja mar idur ix-xogħol li sar fil-Berġa sab xi diskrepanzi u dan dejjem skond il-lista tax-xogħlijiet ikkwotati li l-Ex Sindku kien ippreżenta lill-Primary Health Care. Is-Sindku qal li dawn id-diskrepanzi ammontaw ġa għal madwar €2000. Huwa żied jgħid li b'dan diġa kienet infurmata l-Primary Helath Care li min-naħa tagħhom assigurawh li ladarba l-ispejjeż ma jaqbżux l-€2000 huma kienu ser jagħmlu tajjeb għal dan l-ammont. Is-Sindku għamilha ċara li ċenteżmu wieħed mill-Kunsill ma kienx ser joħroġ.

ii.iii Is-Sindku qal li bħalma jafu l-Kunsilliera l-opening uffiċċjali tal-berġa saret dakinhar ta' din l-laqgħa fil-għodu fl-10:00am. Preżenti kien hemm l-Onor. Chris Fearne kif ukoll l-Onor. Stefan Buontempo fost il-press u persuni oħra.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli irtira mil-laqgħa fis-19:10pm*

iii. Fir-rigward ta' Ġnien Veliko Turnovo is-Sindku spjega li xi vandali għamlu ħafna ħsara fil-gazebo Ġnien Veliko Turnovo

fejn kisru twieqi, sgassaw il-bieb u sibna saħansitra anke siringi ġewwa kif ukoll qaċċtu bin minn ġol ġnien.

iii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa sabiex dik il-camera li l-Ex Sindku Joseph Abela waħħal mal-ħajt tal-kamra taz-zfin tiegħu nitolbuh jrritornaha u minflok titwaħħal fi Ġnien veliko Turnovo.

iii.ii Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sur Bonavia.

iii.iii Is-Sur Bonavia ssuġġerixxa wkoll li forsi tista' anke titella xi exhibition ġewwa l-gazebo.

iii.iv Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

iii.v Saret diskussjoni fit-tul dwar dan u l-Kunsill qabel li sakemm tinstab soluzzjoni għalissa naraw li tal-anqas nkun msakkra sew.

iv. F'dan il-waqt is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li dan il-Kunsill kien qed isib diffikulta' kbira minħabba l-kuntrattur tal-insurance. Dan għaliex Smart Insurance Brokers li magħhom l-Kunsill għandu l-kuntratt tal-insurance kien qed ikun irreperibbli. Saħansitra s-Seg. Eek. ippruvat kemm il-darba ċċempillu u tħalli messaġġi imma kollu ta' xejn għax la qed iwieġeb it-telefonati la l-uffiċċju u lanqas fuq il-moblie. Għadu anqas biss bgħat invoice waħda mill-bidu ta' din sena. Għalhekk il-Kunsill għadu ma jafx fejn jinsab f'dan ir-rigward. Insurance

iv.i Is-Sindku spjega li dan it-tender ilu skadut mill-2013 u baqa' jiċċedded perjodu wara perjodu. Saret diskussjoni dwar dan il-każ u b'mod unanimu l-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni sabiex b'mod immedjat insibu kuntrattur ieħor tal-insurance sabiex nassimilaw f'polza sa l-aħħar ta' din is-sena. Sadanittant ser tiġi ppreparata t-tender li ser tibda mill-1 ta' Jannar 2016.

v. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li reġa' għamel laqgħa mal-ħaddiema assenjati ma' dan il-Kunsill għaliex kien għadu ma kienx kuntent. Hu qal li kellu jirraporta lil wieħed mill-ħaddiema għaliex ma kienx qed jirraporta għax-xogħol kuljum u meta kien jiġi kien qed jirrifjuta li jiġi jiffirma. Ħaddiema Assenjati mal-Kunsill.

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipt Gvern Lokali ħareġ Ċirkolari li jekk il-Kunsill ikollu internal call dawn it-trainees li għandu assenjati miegħu jkunu jistgħu japplikaw ukoll għal dawn it-tip ta' sejħiet. Jum Ħal Tarxien

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talbiet għal rifużjoni lill-Kunsilli minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq, is-Sindku spjega li bħala Assoċ. Gvern Lokali qalu li mhumiex jaċċettaw dik l-Isqarrija li kien ħareġ il-Bord ta' Governanza. Sejħiet għall-impjegati

viii. l-Kunsillier Luke Genuis semma l-proċeduri li jiġu wtilizzati mill-Aworita' f'każi simili. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

viii.i Ġie deċiż li s-Sindku jerġa jressaq din l-issue quddiem l-AKL sabiex tiġi diskussa l-way forward f'każijiet bħal dawn.

viii.ii Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li nerġgħu nkellmu l-Avukat tal-Kunsill u naraw nistgħux nitkellmu x'imkien sabiex dan l-Appell jiġi appuntat. Turf tal-ground 5 aside

ix. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa x'inhi l-opinjoni tal-partners l-oħra fuq dan ir-rigward? Is-Sindku wieġeb li mhuma jagħmlu xejn għaliex qed iħallu f'idejn il-Kunsill.

ix.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-iskart qed ikollu diversi nuqqasijiet dan l-aħħar speċjalment fuq in-nuqqas ta' ġbir għaliex jidher li fejn ma jidħolx it-trakk anqas il-kolletturi m'huma qegħdin jidħlu. Skart Domestiku

Is-Sindku spjega li jekk dan l-aġir ser jibqa għaddej ser nibdew noħorġulu d-default notices.

x. Rigward l-Ambaxxattriċi Vot 16, il-Kunsillier Luke Genuis għadu qed jfittex u talab li jirraporta f'laqgħat oħra li jmiss. Ambaxxatriċi Vot16

x.i Rigward il-full Audit is-Sindku qal li tkellem mal-Accountants u dawn min-naħa tagħhom ħassrulu għaliex qalulu li dan ser jiġih flejjes kbar u xorta waħda kapaċi dak li nixtiequ li joħroġ ma jinstabx. Għalhekk kien hemm qbil li dan ma jsirx. Full Audit

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm ħadd minn dawk preżenti ma qalulu lilu xorta waħda sar jaf bl-sms li l-Ex Sindku Joseph Abela bgħatt lil kull wieħed u waħda minnhom. Is-Sindku ppreżenta kopja tat- text ta' dan l-sms fejn ukoll qara dan l-sms. Kopja ta' dan l-sms ser jiġi anness ma' dawn il-Minuti. SMS mill-Ex Sindku Joseph Abela

xii. Is-Sindku żied jgħid li li kieku l-Ex Sindku baqa' kwiet huwa kien ser joqgħod kwiet ukoll u joqgħod għad-deċiżjoni tal-Bord ta' Governanza imma ladarba l-Ex Sindku Joseph Abela fil-sms li bgħatt għamel ċerta insinwazzjonijiet, issa hu kellu dritt li jwieġeb għalihom u kien għalhekk li bgħatt it-tweġiba tiegħu lill-Bord ta' Gvernanza b'referenza għal dak kollu miktub inkluż fl-sms.

xiii. F'dan il-waqt il-Viċi Sindku Keith Darmanin ddikjara li ma kienx hu l-persuna li għadda kopja tal-sms lis-Sindku Paul Farrugia.

xiii.i B'reazzjoni għal dan il-Kunsilliera Doris Vella qalet li dan l-sms ma nbgħatx biss lill-Kunsillieri.

xiii.ii U bi tweġiba għal dan il-kumment is-Segretarju Eżekuttiv talbitha toqgħod attenta xi tgħid għaliex allura kienet qeda tinsinwa li peress li hi biss preżenti ma kienetx kunsilliera allura kienet hi li għaddiet kopja ta' din l-sms lis-Sindku Paul Farrugia. Is-Seg. Eżek. qalet li fil-verita' hija m'għaddiet xejn lil ħadd.

xiii.iii Il-Kunsilliera Doris Vella reġgħet wieġbet li dak l-sms ma ntbgħatx lill-Kunsilliera biss.

xiii.iv Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa lis-Sindku dak l-sms minn x'hix oriġinha. Is-Sindku wieġbu li dan beda wara tweġiba li l-Bord tal-Gvernanza ma kienx sab lill-Ex Sindku Joseph Abela ħati fuq l-użu tal-vann tal-għaqda tiegħu.

xiii.v Is-Sindku Paul Farrugia ddikjara u qal li jaħlef solennement li hu qatt ma mar għamel rapport u dawn l-alegazzjonijiet jiċħadhom bil-qawwa kollha. Żied jgħid li bħalma jafu l-Kunsilliera kollha hu meta kien Viċi Sindku dejjem qal dak li kellu jgħid uffiċċjalment waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

xiii.vi Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna :- Ittri ta' Ringrazzjament

- kartolina ta' ringrazzjament mingħand Fr Bertand
- ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Għaqda Mużikali M. Annunzjata għal-għajnuna mgħotija fil-festa
- ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Għaqda tan-Nar San Gabriel Ħal Tarxien għal-għajnuna mgħotija u ko-operazzjoni fil-festa

**Affarijiet Finanzjarji** Skeda ta' Pagamenti

***Skeda ta' pagamenti***

3. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li llum stess kellha telefonata mingħand il-Kuntrattur tal-Milord fejn dan qed jisħaqq li għandu kont pendenti ta' madwar €100 li dan ilu diġa sena pendenti. Is-Seg. Eżek. spjegat li hija għal dan il-kont m'għandix la *purchase order* u anqas xi dettalji ta' fejn dan il-konkos intuża. Hija kompliet tispjega li meta staqsiet lill-persuna li ċemplila kellux aktar dettalji huwa weġibha li qabel il-ftehim kien li l-Ex Sindku jċempillu fil-

għaxija u fil-għodu jiltaqa' mal-ħaddiema tagħna quddiem il-garaxx tal-Kunsill biex jeħduh fuq il-post. Il-Kunsill b'mod unanimu ma' qabilx li jitħallas dan il-kont.

Sadanittant l-Iskeda Nru 27/07 ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

Il-Kunsillier Frans Agius talab biex ikun skużat mill-laqgħa fi 20:00pm

4. **Rapport tal-Kunsilliera**

*Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin*

Is-Sur Darmanin qal li saru diġa xi laqgħat tan-Neighbourhood Watch skond kif elenkat hawn taħt:

i.
- Triq it-Tarzna, Triq Ħal Luqa u Triq Santu Wistin;
- Triq Dun Karm Sant, Triq il-Madonna tar-Rużarju u Triq ir-Russett;
- Triq Valerio Vigorelli, Triq E.B. Vella u Triq Marjanu Gerada;

i.i Il-Viċi Sindku qed jissuġġerixxi li nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru 2015 fl-10:00am tittella' wirja ta' karozzi klassiċi fi Pjazza Agatha Barbara. Qed jissuġġerixxi wkoll li tingħata plakka kommemmorattiva għall-okkazzjoni għal valur ta' €50.00.

i.ii
- Il-Kunsill qabel li tittella din l-attivita' u tingħata din il-plakka kommemmorattiva.

i.iii Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat.

ii. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

ii.i Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li l-ħarġa għal Għawdex tal-Ħamis 9 ta' Lulju kienet suċċess.

5. **Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku qal li attenda għall-attivita' tal-Awards organizzata minn GREENPAK nhar l-24 ta' Lulju 2015. GREENPAK

i.i Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-uffiċċjali tal-Greenpak fil-preżenza tiegħu u tal-Kunsillier Ismael Dalli.

ii. Is-Sindku qal li ġie avviċinat sabiex isiru żewġ traffic moderators oħra fi Triq Xintill. Il-Kunsill qal li f'din it-triq diġa hemm tnejn oħra eżistenti u għalhekk din it-talba għal tnejn ġodda ma ġietx aċċettata b'mod unanimu. Traffic Moderators – Triq Xintill

iii. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal forsi bħala Kunsill nistgħux ngħmlu pressjoni fuq l-Awtorita' sabiex isir il-wiċċ bit-tarmak fil-parti ta' fuq ta' Triq San Franġisk.

iii.i Is-Sindku wieġeb li 85% tat-triq trid tkun mibnija.

6. **Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:30pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm l-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**